# Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xogħol u l-Familja
Triq l-Assedju l-Kbir
Il-Furjana VLT 2000

www.kunsilltalmalti.gov.mt
kunsilltalmalti@gov.mt


## Il-lokalitajiet Maltin

Bħalma tafu, fl-2010 sar tibdil fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363). Fost affarijiet oħra, dan it-tibdil jinkludi korrezzjoni f'numru ta' ismijiet ta' bliet u rħula Maltin li ma kellhomx il-forma Maltija korretta. Ngħidu aħna, l-ismijiet li fil-Malti għandhom ***Ħal***, ***Ta'*** jew **l-artiklu** quddiemhom, għandhom jinkitbu bihom biex ikunu sħaħ (eż. **Ħal** Kirkop, **Ħal** Għaxaq, **Ta'** Xbiex, **Tas-**Sliema, **Il-**Ħamrun, **Ix-**Xewkija), għax dawn huma parti integrali mill-isem sħiħ.

Din mhix ħaġa li nsibuha fl-ismijiet Maltin biss. Hekk ukoll isir fit-Taljan u fl-Ingliż f'ismijiet bħal *L'Aquila* (mhux ~~Aquila~~), *La Spezia* (mhux ~~Spezia~~), *The Hague* (mhux ~~Hague~~) li żgur ħadd ma joħlom li jiktibhom mingħajr l-artiklu fid-dokumenti u fit-tabelli pubbliċi.

Hawn taħt qed ngħaddulkom il-lista tal-ismijiet kif għandhom jinkitbu u nissuġġerulkom li timxu magħha fil-kitba u l-grafika tagħkom bil-Malti.

Imma qabel, ta' min jinnota dawn:

### 1. Kif tikteb Ħal

a) Meta l-isem jieħu **Ħal** (it-taqsira ta' "raħal"), iktbu dejjem bla sing.

(eż. **Ħal** Balzan, **Ħal** Qormi, **Ħal** Safi, **Ħal** Tarxien)

b) Meta l-<l> ta' **Ħal** issir bħall-ittra ta' warajha, iktbu bis-sing.

(eż. **Ħad-**Dingli, **Ħaż-**Żabbar, **Ħaż-**Żebbuġ)

ċ) Niktbu **Ħal Lija**, **Ħal Luqa**.

### 2. Kif tikteb l-artiklu

Niktbu:

a) **il-**Birgu, **il-**Furjana, **il-**Gżira, **il-**Mellieħa, **il-**Qala

b) **in-**Nadur, **ir-**Rabat, **is-**Swieqi, **ix-**Xagħra, **iż-**Żejtun

ċ) **l-I**mġarr (mhux ~~l-iMġarr~~), **l-I**msida (mhux ~~l-iMsida~~), **l-I**mtarfa (mhux ~~l-iMtarfa~~), **l-I**klin, **l-I**sla

# L-ISMIJIET TAL-BLIET U L-IRĦULA MALTIN

1. Il-Belt Valletta
2. L-Imdina
3. Il-Birgu
4. L-Isla
5. Bormla
6. Ħal Qormi
7. Ħaż-Żebbuġ
8. Ħaż-Żabbar
9. Is-Siġġiewi
10. Iż-Żejtun
11. Ir-Rabat, Għawdex
12. Ħ'Attard
13. Ħal Balzan
14. Birkirkara
15. Birżebbuġa[1]
16. Ħad-Dingli
17. Il-Fgura
18. Il-Furjana
19. Il-Fontana
20. Il-Gudja
21. Il-Gżira
22. Għajnsielem
23. L-Għarb
24. Ħal Għargħur
25. L-Għasri
26. Ħal Għaxaq
27. Il-Ħamrun
28. L-Iklin
29. Il-Kalkara
30. Ta' Kerċem
31. Ħal Kirkop
32. Ħal Lija
33. Ħal Luqa
34. Il-Marsa
35. Marsaskala[2]
36. Marsaxlokk
37. Il-Mellieħa
38. L-Imġarr
39. Il-Mosta
40. L-Imqabba
41. L-Imsida
42. Il-Munxar
43. In-Nadur
44. In-Naxxar
45. Paola
46. Pembroke
47. Tal-Pietà
48. Il-Qala
49. Il-Qrendi
50. Ir-Rabat
51. Ħal Safi
52. San Ġiljan
53. San Ġwann
54. San Lawrenz
55. San Pawl il-Baħar
56. Ta' Sannat
57. Santa Luċija
58. Santa Venera

---

[1] Mhux ~~*Birzebbugia*~~, kif konna naraw miktub.
[2] Mhux ~~*Marsascala*~~, kif konna naraw miktub.

**59.** Tas-Sliema

**60.** Is-Swieqi

**61.** Ta’ Xbiex

**62.** Ħal Tarxien

**63.** Ix-Xagħra

**64.** Ix-Xewkija

**65.** Ix-Xgħajra

**66.** Iż-Żebbuġ

**67.** Iż-Żurrieq

**68.** L-Imtarfa

## L-ISMIJIET TAL-KOMUNITAJIET MALTIN

**1.** Fleur-de-Lys

**2.** Santa Luċija, Għawdex

**3.** Gwardamanġa[3]

**4.** Paceville

**5.** Il-Kappara

**6.** Il-Madliena

**7.** Marsalforn

**8.** Bubaqra

**9.** Ix-Xlendi

**10.** Tal-Virtù

**11.** Ħal Farruġ

**12.** St Peter

**13.** Is-Swatar

**14.** Burmarrad

**15.** Il-Baħrija

**16.** Baħar iċ-Ċagħaq

---

[3] Mhux ~~Guardamangia~~ jew ~~Gwardamangia~~, kif konna naraw miktub.